



Brussell, 17 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

14198/20

CLIMA 362
ENV 829
FIN 975
ENER 509
TRANS 618
IND 281
COMPET 649
MI 588
ECO 65

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13601/20

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 18/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Is-Sistema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet: l-allokazzjoni bla flus tal-kwoti kienet teħtieġ immirar aħjar"
- Approvazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness, għall-informazzjoni, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dan ta' hawn fuq, kif approvati mill-Kunsill (Ambjent) fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020.

Rapport Speċjali Nru 18/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat

"Is-Sistema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet: l-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti kienet teħtieġ immirar aħjar"

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu dwar it-titjib tal-eżami ta' rapporti speċjali mfassla mill-Qorti tal-Awdituri fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza¹,

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 18/2020 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Is-Sistema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet: l-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti kienet teħtieġ immirar aħjar";
2. JIEĦU NOTA tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali;
3. JENFASIZZA r-rwol tal-EU ETS bħala pedament tal-politika tal-UE dwar il-klima u r-rwol ewlieni tagħha fit-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra; JIĠBED L-ATTENZJONI għas-sejba fir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Energija² li matul l-aħħar ħames snin (2015–2019), l-emissjonijiet minn installazzjonijiet stazzjonarji koperti mill-EU ETS naqsu b'mod sinifikanti bis-settur tal-enerġija bħala l-mutur ewlieni ta' din ix-xejra, filwaqt li l-emissjonijiet tal-industrija naqsu wkoll, b'mod partikolari fl-2019;

¹ 7515/00 + COR 1

² 11871/20 - COM (2020) 950 final.

4. JINNOTA l-eżitu tar-Rapport Speċjali li l-intensità ta' karbonju naqset inqas fis-setturi tal-enerġija li għamlu użu minn allokkazzjoni tranżizzjonali mingħajr ħlas ta' dan is-settur milli fi Stati Membri oħra fuq il-perijodu bejn l-2008 u l-2017; JENFASIZZA li l-allokkazzjoni tranżizzjonali mingħajr ħlas għas-settur tal-enerġija madankollu ppromwoviet it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, kif muri fir-rapporti ta' verifika dwar l-iffrankar tal-emissjonijiet minn investimenti kkompletati ppreżentati mill-Istati Membri; barra minn hekk JENFASIZZA li r-regoli għall-allokkazzjoni tranżizzjonali bla ħlas għas-settur tal-enerġija ġew żviluppati aktar għall-fażi 4; IFAKKAR li fil-fażi 4 tlieta biss minn għaxar Stati Membri eliġibbli beħsiebhom jipprovdu allokkazzjoni tranżitorja bla ħlas lil installazzjonijiet fis-settur tal-enerġija tagħhom; barra minn hekk JIEĦU NOTA tad-deċiżjoni ta' xi Stati Membri li jittrasferixxu lill-Fond għall-Modernizzazzjoni xi wħud mill-kwoti jew il-kwoti kollha li setgħu ġew allokati bla ħlas lil installazzjonijiet fis-settur tal-enerġija tagħhom fil-fażi 4;
5. IFAKKAR li d-Direttiva 2003/87/KE (id-Direttiva tal-EU ETS)³ tipprevedi allokkazzjoni tranżitorja bla ħlas għal installazzjonijiet f'setturi u sottosetturi f'riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju biex jiġi ppreservat il-benefiċċju ambjentali tat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-UE filwaqt li l-azzjonijiet minn pajjiżi terzi ma jipprovdux inċentivi komparabbli lill-industrija biex tnaqqas l-emissjonijiet;
6. JAQBEL dwar l-importanza ta' allokkazzjoni bla ħlas immirata; JINDIKA li r-riforma tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS) bi tħejjija għar-raba' perijodu ta' negozjar tagħha mill-2021 sal-2030 ("fażi 4") diġà tipprevedi titjib f'dan ir-rigward; JENFASIZZA li meta d-Direttiva tal-EU ETS ġiet riveduta għall-fażi 4⁴, is-sistema ta' allokkazzjoni bla ħlas ġiet emendata u dan irriżulta f'għadd imnaqqas ta' setturi meqjusa f'riskju ġenwin ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju; JINNOTA li din il-lista mnaqqsa ta' setturi għall-fażi 4 għadha tirrappreżenta aktar minn 90% tal-emissjonijiet totali minn installazzjonijiet industrijali fl-UE ETS fil-perijodu bejn l-2013 u l-2016;

³ Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE, kif emendata (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

⁴ Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdied it-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3).

7. JIRRIKONOXXI r-rilevanza tal-kapaċitajiet differenti li jsir pass-through tal-ispejjeż tal-karbonju fis-settur tal-avjazzjoni kif ukoll fis-setturi tal-industrija; JIEĦU NOTA tas-sejba tar-Rapport Speċjali li l-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas għas-settur tal-avjazzjoni kellha t-tendenza li tiffavorixxi l-ivvjaġġar bl-ajru fuq l-ivvjaġġar bil-ferrovija fl-UE; JINNOTA l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tesplora għażliet għal allokazzjoni bla ħlas aktar immirata bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni għal reviżjoni tad-Direttiva tal-EU ETS; JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni f'dak il-kuntest li teżamina l-għażliet għat-tnaqqis tal-allokazzjoni bla ħlas fis-settur tal-avjazzjoni; JINDIKA l-ħtieġa li ssir riflessjoni dwar l-impatt ta' dawk l-għażliet fuq id-dekarbonizzazzjoni, fuq id-dħul mill-irkant tal-kwoti u fuq il-funzjonament tas-suq intern tal-UE;
8. JIRRIKONOXXI r-rilevanza tal-preservazzjoni tas-sinjal tal-prezz tal-karbonju tul il-katina tal-valur; JILQA l-fatt li fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew il-Kummissjoni ser tesplora għadd ta' miżuri alternattivi eżistenti biex tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, u JISTENNA B'INTERESS li jiddiskuti l-proposti tal-Kummissjoni, inkluż għal mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera kompatibbli bis-sħiħ mar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, li mistenni jiġi ppreżentat fl-ewwel semestru tal-2021 bil-ħsieb li jiġi introdott sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2023;
9. JAQBEL li l-parametraġġ komparattiv qed ittejjeb b'mod progressiv l-inċentivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet; f'dan il-kuntest JISSOTTOLINJA t-titjib li sar fil-metodoloġija għall-parametraġġi komparattivi bi tħejjija għall-fażi 4, jiġifieri l-aġġornament tal-valuri tal-parametraġġi komparattivi għall-allokazzjoni bla ħlas biex jirriflettu l-progress teknoloġiku u l-aġġustament perġodiku tal-allokazzjonijiet biex jikkorrispondu aħjar għall-volumi reali tal-produzzjoni; f'dan il-kuntest JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tiżdied aktar it-trasparenza fil-metodoloġija għall-parametraġġi komparattivi; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tesplora toroq għal aktar titjib fil-metodoloġija tal-parametraġġ komparattiv, inkluż fir-rigward tal-emissjonijiet minn inputs għall-proċessi ta' produzzjoni;

10. JIEĦU NOTA tal-proposta tal-Kummissjoni li timplimenta l-kriterji ġodda ta' sostenibbiltà RED-II u l-kriterji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-GHG għall-ikklassifikar ta' emissjonijiet zero mill-bijomassa fl-UE ETS fil-kuntest tal-emendi għar-Regolament dwar il-Monitoraġġ u r-Rapportar tal-UE ETS;
 11. JAQBEL dwar l-importanza tat-trasparenza fir-rigward tal-inċentivi għas-setturi industrijali li jirċievu kwoti mingħajr ħlas biex jiddekarbonizzaw, u JENFASIZZA r-rwol tal-Miżuri Nazzjonali ta' Implimentazzjoni tal-Istati Membri fit-titjib tad-disponibbiltà ta' tali informazzjoni fil-fażi 4;
 12. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni, sa Ġunju 2021, li tirrevedi u tipproponi li tirrevedi fejn meħtieġ, il-leġislazzjoni relatata mal-klima, inkluż id-Direttiva tal-EU ETS.
-